**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 47/2018 CFF**

**Gemma Spiteri**
**Vs**
**Raymond Axiaq pro et noe**

**Illum 26 ta' Jannar, 2021**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tal-attur, Gemma Spiteri, fejn talbet sabiex il-konvenut jigu ddikjarati responsabbli ghal hsarat kkagunati minnhom fil-fond 26, Sqaq San Bastjan, Zejtun, Malta, proprjeta' taghha b'konsegwenza ta' xoghlijiet ta' demolizzjoni, skavar u bini ezegwiti minnhom fis-sit adjacenti ghar-residenza taghha u jigu kkundannati jwettqu r-riparazzjonijiet u x-xoghlijiet rimedjali kollha necessarji fl-imsemmi fond fi zmien qasir u perentorju, ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti, li jigi lilhom prefiss u dana taht id-direzzjoni u s-supervizjoni ta' perit li jigi nominat ghal dan il-fini, liema xoghlijiet rimedjali ghal fini ta' kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti ma jeccedux is-somma ta' hmistax-il elf ewro (€15,000).

B'dana illi fin-nuqqas illi huma jonqsu milli jottemperaw ruhhom mal-ordni tal-Qorti, l-attrici tkun awtorizzata biex twettaq tali xoghlijiet rimedjali that is-supervizjoni ta' periti nominandi u dana a spejjez tal-konvenuti.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 11 ta' Marzu, 2015 u tal-protest gudizzjarju tal-20 ta' Lulju 2015 u bil-konvenut pro et noe minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-**Risposta ta' Raymond Axiaq proprio et nomine** fejn espona bir-rispett:

Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu u dan ghar-ragunijiet segwenti:

Illi l-pretensjonijiet ta' Gemma Spiteri huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap XVI tal-Ligijiet ta' Malta u dana stante li x-xoghlijiet ta' skavar u kostruzzjoni mwettqa minn terzi fuq inkarigu tas-socjeta' Pronto Developers Limited biswit il-propjeta' taghhom ilu aktar minn tmien snin, u dan anke skont ma jixhdu d-diversi rapport peritali inkluz tal-perit ex parte inkarigat mir-rikorrent illi sar wara li tlestew ix-xoghlijiet;

Illi bla pregudizzju ghall-permess Raymond Axiaq personalment mhuwiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri stante li x-xoghlijiet ta' skavar u sussegwenti kostruzzjoni twettqu mis-socjeta' Pronto Developers Ltd;

Illi bla pregudizzju ghal dak su espost, l-allegazzjoni tal-attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana stane illi, kif ser jirrizulta lampanti fil-mori tal-kawza;

Illi minghajr pregudizzju ghal permess, l-esponenti jirrileva illi Gemma Spiteri illi ghal diversi snin tagixxi b'mod aggressiv biex tittenta taghmel gwadann personali finanzjarju b'detriment ghall-esponenti. Illi l-attrici ttnenta tottjeni mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tal-esponenti waqt li hija kienet qed tesegwixxi xoghlijiet ta' skavar, liema talba ma kinitx giet milqugha mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, u ghandha anke sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-konfront taghha li giet anke kkonfermata mil-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet 'il-Pulizija vs Gemma Spiteri'. Illi l-esponenti ftit ghandu dubju illi din il-kawza hija biss frott ta' dak l-agir tar-rikorrenti li fejn m'ghaddhiex mill-bieb issa qed jittenta jabbuza minn dawn il-Qrati biex jghaddi mit-tieqa, u ghaldaqstant, ghandu jigi mgieghel ibghati 'doppio spese' ta' dawn il-proceduri.

Illi bl-ispejjez u bl-imghaxx skont il-Ligi u b'riserva ghal eccezzjonijiet ulterjuri spettanti lill-esponenti.

**Raymond Axiaq** spjega li huwa ghamel xoghol ta' kostruzzjoni fi Triq San Clement, li kellu access ghaliha wkoll minn Sqaq San Bastjan, liema propjeta' kienet ta' Pronto Developers. Hu kompla jghid li s-Sinjura Spiteri kellha propjeta' magenb din is-sit u l-ahhar perit li gabet kien ghamel lista ta' affarijiet li jridu jsiru u l-perit ta' Spiteri u Axiaq kienu ftehmu fuq dan ix-xoghol u saret anke garanzija. Axiaq spjega li kien taha post fejn toqghod sakemm isir ix-xoghol u wara li sar ix-xoghol il-perit iccertifikah u l-perit ta' Axiaq nehha l-garanzija minhabba li x-xoghol kien twettaq kif suppost. F'dan ir-rigward Axiaq esebixxa c-certifikat immarkat bhala Dokument SP1. Huwa spjega li Sinjura Spiteri kienet ghamlitlu mandat biex jieqaf mix-xoghol, li izda kien gie michud. Rigward dan, Axiaq esebixxa rapport tal-ispezzjoni mill-perit Joseph V. Camilleri datat 23 ta' Gunju 2007 u mmarkat bhala Dok SP2. Axiaq prezenta wkoll kuntratt ma' Gemma Spiteri mmarkat bhala Dok SP3. Axiaq kompla jghid li Spiteri ma riditx tohrog mill-post li kienu tawha u wara ntlahaq ftehim li gie pprezentat u mmarkat bhala Dokument SP4. Fl-ahharnett Axiaq esebixxa kopja ta' kawza kontra Spiteri, immarkata bhala Dokument SP5, wara li din waqqatlu l-hajt tal-appogg, liema kawza inqatghet kontriha u l-istess fl-appell.

**Raymond Axiaq**, xehed u esebixxa wkoll ittra mill-Perit Stephen Psaila, ittra mill-Perit Joseph V. Camilleri, kuntratt, ftehim u kopja ta' process immarkati bhala Dokumenti SP1-SP5 rispettivament.

Rat li permezz ta' digriet tal-Prim Imhallef datata 16 ta' Dicembru, 2019, din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif presjeduta.

Rega' xehed Raymond Axiaq fejn esebixxa kopja tal-kuntratt tal-akkwist tal-art li kien xtara fiz-Zejtun u li gie mmarkat bhala Dokument RA1.

Semghet it-trattazzjoni bejn il-partijiet ghal fini tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi din hija sentenza preliminari li sejra titratta l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenut Raymond Axiaq a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi f'din il-kawza l-attrici Gemma Spiteri qeghda titlob lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut Raymond Axiaq sabiex jigi kkundannat jaghmel riparazzjonijiet u x-xogholijiet rimedjali kollha necessarji fl-imsemmi fond 26, Sqaq San Bastjan, Zejtun wara hsara li allegatament saret mill-istess konvenut b'konsegwenza ta' xogholijiet ta' demolizzjoni, skavar u bini ezegwit fis-sit adjacenti ghall-istess residenza taghha.

Illi l-konvenut jghid li ormaj din l-azzjoni hija preskritta stante li dan ix-xoghol ta' skavar u konstruzzjoni ilu li sar iktar minn tmien snin u di piu' sar mill-kumpanija Pronto Developers Limited.

Il-konvenut Raymond Axiaq jixhed u jiddikjara li l-propjeta' li fuqha saru x-xogholijiet li tigi biswit il-propjeta' tal-attrici ilha mixtrija minn Pronto Developers sa mis-sena 2006 u dan skond kif jixhed id-dokument ezebit u datat 16 ta' Gunju 2006. Illi skond id-dokumenti ezebiti jidher li kien ghaddej xoghol ta' skavar f'din il-propjeta' minn Raymond Axiaq u Pronto Developers Ltd li huwa jirraprezenta ghall-habta tas-sena 2007. Illi fid-data tad-19 ta' Novembru 2007, huwa ghan-nom ta' Pronto Developers Ltd dahal f'kuntratt mal-attrici Gemma Spiteri (a fol 60 tal-process) sabiex jaghmel ix-xoghol ta' riparazzjoni fejn sehhet il-hsara fil-propjeta' 26, Sqaq San Bastjan, Zejtun u jassumi r-responsabbilita' tieghu. Inoltre sabiex effettivament jsir dan ix-xoghol u bhala garanzija ghat-twettieq tal-obbligi assunti minnu huwa forna garanzija bankarja a favur l-attrici Gemma Spiteri ta' Ewro232.94.

Jirrizulta wkoll mill-atti li wara li saret spezzjoni mill-Perit Lino Bianco li x-xogholijiet ta' riparazzjoni effettivament saru (datata 28 t'Ottubru 2008 a fol 42 tal-process), il-partijiet fil-kawza ffirmaw ftehim datat 6 ta' Lulju 2009 ( a fol 68 tal-process) li jindika li xogholijiet ta' riparazzjoni li saru fuq il-propjeta' 26, Sqaq San Bastjan, Zejtun gew ezegwiti skond is-sengha u l-arti.

Illi fit-trattazzjoni taghha d-difensur tal-konvenut tghid li jirrizulta li l-pretensjonijiet tal-attrici huma preskritti ghaliex ma jistghux jintalbu danni wara ghaxar snin u d-dokumenti huma cari.

Min-naha taghha d-difiza ghall-attrici tghid li din mhux kawza ghal-likwidazzjoni tad-danni izda hija talba sabiex isiru x-xogholijiet necessarji allura ma hix milquta bil-preskrizzjoni tal-Artikolu 2153 tal-Kaptiolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, izda hija talba li l-azzjoni taghha hija milquta bi tletin sena, u qed jigi kkwotat verbatim mit-trattazzjoni meta l-istess difiza ghall-attrici tghid hekk, *"Il-preskrizzjoni hawhekk ghall-azzjoni attrici hija wahda, dik illi hija stipulata fl-Artikolu 2143 tal-Kap 16 li hija preskrizzjoni ta' tletin sena, ghax il-preskrizzjonijiet l-ohrajn, il-preskrizzjonijiet qosra huma preskrizzjonijiet partikolari. Hawnhekk l-azzjoni attrici mhix ghal-likwidazzjoni tad-danni u ha naqra mill-avviz, minn dak li nghidulu rikors. Jigu kkundannati, iwettqu riparazzjonijiet rimedjali necessarji kollha fl-imsemmi fond fi zmien qasir u perentorju, ordnat minn din l-Onorabbli Qorti li jigi komprefiss taht id-direzzjoni u supervizjoni tal-perit li jigi nominat ghal din il-fini liema xogholijiet rimedjali ai fini ta' kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti ma jeccedux is-somma ta' hmistax-il eld Ewro."*

Illi kif jghid il-konvenut dan ix-xoghol rimedjali skond id-dokumenti ezebiti jidher li saru l'fuq minn ghaxar snin ilu. Madanakollu mid-dokumenti li ezebixxa huwa stess jirrizulta li kien sar kuntratt bejn il-partijiet sabiex il-konvenut jezegwixxi dawk ix-xogholijiet riparatorji li kienu necessarji datat 19 ta' Novembru 2007 quddien in-Nutar Patricia Hall.

Il-Qorti ma tistax tirrileva ex officio l-preskrizzjoni li messha giet eccepita skond ma jindika l-Artikolu 2111 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u lanqas ma tista' tindahal dwar liema preskrizzjoni ghandha tigi sollevata f'dan il-kaz. Madanakollu jehtieg li l-Qorti tistharreg jekk il-preskrizzjoni eccepita hijiex ammissibbli ghall-fatti li fuqhom hija ibbazata din it-talba.

"… fil-kaz ta' domanda gudizzjali ghar-rizarciment tad-danni hu rikonoxxut mill-gurisprudenza illi d-danni mitluba jistghu jkunu, skond il-kaz, ta' tliet speci, jigifieri,

1) Dawk derivanti minn delitt veru u propju (fejn il-preskrizzjoni hi dik tal-azzjoni kriminali);
2) Dawk derivanti minn htija akwiljana (fejn il-preskrizzjoni hi dik ta' sentejn);
3) Dawk derivanti minn inadempjenza kontrattwali (fejn il-preskrizzjoni hi dik ta' hames snin."[1]

Illi kif diga' gie ritenut il-konvenut ezebixxa l-kuntratt li sar bejn il-partijiet datat 19 ta' Novembru tas-sena 2007, u fit-trattazzjoni d-difiza ghall-attrici tghid li l-Qorti trid tiddetermina jekk sarux ix-xogholijiet sew jew jekk ghadx baqa' xogholijiet x'isiru skond l-arti u s-sengha. Illi ghalhekk jidher li din it-talba tohrog minn rapport kuntrattwali bejn il-partijiet.

Il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tolqot d-dritt t'azzjoni ghad-danni li ma jirrizultawx minn relazzjoni kuntrattwali (extra-kontrattwali), u cioe' dik li tissejjah il-*culpa aquiliana*, u ma tistax issib applikazzjoni f'kaz fejn dak l-istess dritt t'azzjoni jirrizulta minn kuntratt u n-nuqqas t'osservanza ta' l-obligazzjonijiet a bazi ta' dak l-istess kuntratt.

Minn dak li jirrizulta huwa car li mill-provi s'issa migbura, il-preskrizzjoni applikabbli ghal dan il-kaz ma hix dik ta' sentejn. Bhala punt ta' interess jigi innutat li m'hemmx dubju li kien hemm relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet u ghalhekk il-preskrizzjoni kontemplata certament li ma hix dik li jikkontempla l-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, izda tapplika preskrizzjoni differenti minn dik kontemplata mill-konvenut u ladarba l-preskrizzjoni li tapplika f'dan il-kaz ma gietx invokata s'issa mill-konvenut, il-Qorti sejra tieqaf hawn fil-kunsiderazzjonijiet taghha.

Decide:

Ghal dawn il-motivi ghal ragunijiet differenti minn dawk li tat l-attrici, il-Qorti qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari a bazi tal-preskrizzjoni invokata ai termini tal-

[1] Ara sentenza ta' l-Qorti ta' l-Appell, datata 9 ta' Jannar 2008 fl-ismijiet *Christopher u Lucienne konjugi Selvagi vs Peter Borg.*

Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk tordna l-prosegwiment tal-kawza.

L-ispejjez ta' din l-eccezzjoni a karigu tal-konvenut.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**